# TEMPESTA TA PACICH

## FARSA B'ATT UIEHED

MICHTUBA MIN

*Saverio Meli*

MALTA
Stamperia tal GAZZETTA DI MALTA.

1900

## PERSONAGGI

Pacic, *ragel ohxon, zeug*

Zolinzoll, *bint*

Bennard, *gabillot*

Teodosio, *nutar*

Greziu, *surgent fil pulizia*

Lippu, Calanc, Sidor — *puliziotti*

*L'azioni f'hanut Pacich, haz-zebbug.*

## ATT UIHED

### SCENA

*Hanut ta parrocchier fil campagna, bieb fin-nofs, mallemenia bieb ihor jati ghall genua.*

*Zmien ta zeug minuti, kabel it-tluh tas-separiu jistama hoss tax-xita, jitghamel berak, u hseijes ta raghad. Jitla is-separiu, ix-xita tcompli sa il bidu ta tieni scena, fei jidhol* TEODOSIO. *Il berak, ir-ragghad icompli il Farsa colla sa lahhar, mux spiss!*

### I. SCENA

PACICH *jirrangia hanutu*

Tempesta cbira—Illum donna geija,
Xita, raghad, berak—Sajetti siquit;
L'aria oscura—Certu sued icrah
Naghalak hanuti—Ghandi aptit!
Dana ir-rieh kauui—Kighed ibezzghaui
Maltemp phal tallum jena—Ghad ma rait katt;
Cull-hatt giò daru—Irtirat baka,
Allavoglia illum hìa—Il giurnata tal hatt!
Jena baccart—Geit ftaht hanuti,
Il bacra li ghamilt jena—Servitni ghall xei,

L'ankas biss habba—Ghad ma xhett giò buti,
Hatt ma giè ghal-lehia—U il hin ghaddei.

(*Ifarfar is-siggijet*) Hu piacir mastru Pacich ; issoltu marti Zolinzoll iggibli 'l katra tal caffe giò lis-staniata, illum ma gibitli xein... Hu gost mastru Pacich, kghad tkum actar chmieni mis-soltu ghall xein!... Saru it-tmienia, ghal-lehia ghadu hatt ma giè! U jen kighed hau ili mil hamsa. Bil ghauc donna geija il giurnata illum!...

(*Ighod fuk subghaih*)

Chif hrixt mid-dar kabdittni ix-xita,
Nigri, inciaflas, min ghair umbrella;
Sa usalt hanuti sirt miblul xraba,
Giet buffura rieh, uakghetli it-tabella.

Leuel ghauc li bdieli illum...
Irfait it-tabella irgiait dendilta
Id-disprat, imrezzah, conni mibluh,
Biddilt hueigi ghax ixxarbuli,
Fil mument kabes, ferh ta minghul.
Minghul chien min dauch il cbar,
Ghall fuk rasi kabes far.

It-tieni ghauc li bdieli illum...
Inzilt il cantina nimla l'ilma
Conni 'mbazza, mil far cbir;
Giò il bìr nizzilt il barmil fierah,
Kbad intelghou, inkatghali giò il bìr.

It-tielet ghaux li bdieli illum...
Hatt pacenzia kbatt mus f'idi
Fuk il meilak bdeit inghaddieh;
Il mus zelakli ghall fl'art uaka
Xfaru ichisru minnu-fieh.
Ir-raba ghauc li bdieli illum...

Mela chif nista ingheid:—li mux bil ghauc geija illum il giurnata!... Mux tempesta ta l'aria biss donna geija; tempesta fuk Pacich ucoll... Jaghmel gambin x'irid icun...

*(Jakbad mus tal-lehia, ighaddi fuk il meilak).*

## II. SCENA

TEODOSIO *bil cappa, u bl'umbrella.*

*Teo.* Bon-giornu Pacich... *(Ix-xita tiscot)*
*Pac.* *(Idauar uicciu bis-salt lei Teo.)*
Bon-giornu sur manificu, sur Nutar.
*Teo.* Jena illum geit ghandech sabiex taghamilli xi hagia ghall ahiar.
*Pac.* *(Bil mod)* Dana illum biex hùa gei?... Ma naghmlux jeuilla iridni nohtoblu ux?... Din xi hagia ghall ahiar xi hì?...
*Teo.* Tista iservini Pacich? Bonagrazia tighech!...
*Pac.* *(Iciaklak rasu)* Ma tant nista inservich uisk, chienu milli kighed nahseb jen. *(Ipoggi 'l mus).*
*Teo.* Inti x'inti tahseb jakau?

*Pac.* Mux biex nohtobloch jakau?

*Teo.* Tohtobli?... *(Jitlak)* ha ha hai!... Fadalli zmien ta min johtobbni ucoll, scorreit is-sittin sena, fadalli zmien dan!

*Pac.* Scusani sur magnificu, sur nutar, geit biex naghamillech xi hagia ghall ahiar, jena hsibtech: — li ritni, nohtobloch; billi jena giè li zeuig lil xi hatt, chemm il darba!

*Teo.* Jena taf ghall fei gei f'hanutech dalghodu?

*Pac.* Ghall fei geit? Sur manificu, sur Nntar...

*Teo.* Ġhandech taf Pacich... Jen il-lehia tighei min deijem inkaxxara b'ideija, jen stess; katt ma inkaxxara ghand parrocchieri...

*Pac.* Taghamel hazin uisk... Ghax ech allura il parrocchiali jistghou imutu sobtu bil giuh, ech cull-hatt jaghamel phalech!

*Teo.* Hallina min dan.

*Pac.* Sigur li hallina min dan, il chelma iggib ech!

*Teo.* Jena illum geit ghandech, peres l'ia giurnata tal maltemp cbir... Ghall-daks-tant bzait inkaxxara jen il-lehia.

*Pac.* U dana il ghaliex bzait?

*Teo.* Bzait li tfakka xi sajetta, jen u inkaxxar il-lehia, u bil katgha nakta xi katgha uicci numru uno.

*Pac.* Jeu numru dui!...

*Teo.* Tkaxnarili?

*Pac.* Inkaxxarielech!

*Teo.* Mela inficciu nispicciau!

*Pac.* Isma signur... Ma geic forsi hau sabiex tghaddi iz-zmien bija ux, jakau?...

*Teo.* Dan li inghaddi 'z-zmien bich x'jigifieri? Mela jena inghaddi iz-zmien bin-nies?... Ch'inti trid tkaxxarieli, kaxxarieli; ch'int ma tric, gheidli mil-leuuel marric... Jeu ghax forsi minix issoltu inkaxxara ghandech?

*Pac.* Lè signur... Xei tahseb f'ech; jena sur manificu, sur nutar ghandi chiecu piacir cbir uisk, l'jena inxarlech il-lehia! Imma jena jidirli l'ìa hagia cbira, l'inti thaxxar il-lehia ghandi!

*Teo.* Dina hagia cbira il ghaliex? Billi tkaxxarli il-lehia int!

*Pac.* Ghax jena parrocchier giò dan ir-rahal ta Haz-Zebbug, ma jigiux ghandi hlief xi:—bidui, xi sacristan, u xi parlando con rispettu:—xi uihed jahdem il pannelli tal hmir, xi baijad, xi furnar, xi gennien, u l'eccetra, u x'naf jen... Ghall-daks tant naragha hagia cbira uisk l'inti geit tnehhi il-lehia ghandi!

*Teo.* Dana mux inti ghandech tarah, narah jen!

*Pac.* *(Jaghmillu riverenza)* Grazzi...
Grazzi signur, sur manificu, sur nutar, mil bontà tighec.

*Teo.* Fittex spicciani?

*Pač.* Daluakt mighec... *(Jiftah ideih)*
Oh! xi piacir taitni illum signur.

*Teo.* Jech inti il-lehia tkaxxarieli seuua, min floc natich, disgha, natich sold, u nofs.

*Pac.* *(Jiftah ideih, u ihares lei is-sakaf)*
Oh! x'unur ser icolli giò hanuti, seijer inkaxxar il-lehia lis-sur manificu. lis-sur nutar tar-rahal tghana.

*Teo.* *(Spacenziat)* Geija bi tuila il-lehia tighei illum!

*Pac.* Tric bonagrazia tighec tokghod bilkegheda fuk is-siggiu bil brazzi, sabiex naghmillec l'operazioni tas-sapuniera

*Teo.* *(Jinza il cappa, u ippoggi l'umbrella, u jokghod bilkegheda).*
*(Igheid bil mod)* Jissapnali uicci, operazioni tassapuniera!

*Pac.* *(P'hafna complimenti, igib xugamon min chexxun, jorbotulu f'ghonku).*
Dan ix-xugaman tal ghazel fin.

*Teo.* X'ghett?

*Pac.* Xugaman tal ghazel mil actar fin.

*Teo.* L'immuies li ghandech, umiex taibin.

*Pac.* Mus ghandi merfuh ghalich.

*Teo.* Jena floc disgha, actar natich!

*Pac.* *(Jakbad is-sapuniera)*
Sapun mit-taijeb, sapun ifuh.

*Teo.* Dan ghalija chien merfuh?

*Pac.* Dina is-sapuna, chienet merfugha,
Izda imma ghalich, illum inzaznugha.
*(Jirgha is-sapuna bil pinzell tal-lehia).*

*Teo.* Kighed tobbligani iz-zeijed!

*Pac.* Dover tighei, sur manificu, sur nutar.

*Teo.* Il maltemp donnu kighed iciedi!

*Pac.* Ghax ma chienx signur... Il giurnata tal hatt, ghadt ma giè hatt ghal-lehia illum, imhabba dana il maltemp. Oltre dana ghadni gharriek, ma hac katra cafè... Issoltu marti Zolinzoll iggibli il cafè giò lis-staniata, illum ma gibili xei, imhabba dana il maltemp...

*Teo.* Forsi ghad iggibulech il cafè!

*Pac.* Ghax ma chinitx!

## III. SCENA

ZOLINZOLL *b'lis-staniata, u nofs ghonnella fuk rasa.*

*Zol.* Pacich... Gibtlech il katra tal cafien.

*Pac.* Ninzichair li sa f'lahhar usalt bil katra tal cafien!...

*Teo.* Ghadech chemm semmeit, il cafè, u chienet uaslet bieh.

*Pac.* Min xi drabi, il kalb tehber, min xi drabi, il kalb ixxom.

*Teo.* X'cull biccia tgheid Pacich... Mela il kalb ghanda l'imnieher, biex ixxomm!

*Pac.* Uisk naf x'ghanda !... Cullma nara cafè f'ghaineija !

*Zol.* Akbad f'idech lis-staniata.

*Pac.* Iva Zolli poggigha x'imchien ! (*Jissapnalu uicciu*)
mux mument li nerhi mn'ideija !
Ma collox irrid nilhak jen ! ..
Kabel ma nispiccia, min dan is-signur.
Il cafè jen, ma nixorbux sigur !

*Zol.* Jena seira, ghamel li trid.

*Pac.* Iva Zolli ittenna ftit !
X'inti imghaggila ! Dan ghall fei ?
Min dan is-signur la tisthi xei !
Dan is-signur, fabbli, u geniali,
Jixbah lili ragel phali.

*Teo.* Xei ma ghandech ghax tisthi minni.
Jena sugizioni ma nati il hatt.

*Pac.* Dana is-signur ragel min tghana,
Ragel phal dana ghad ma rait katt.

*Zol.* (*Tpoggi lis-staniata*)
Il cafè biridlech, u icompli jibridlech, daks chemm hùa chsih illum,

*Pac.* Xi tridni naghmel, nerhi mn'ideija !
Dana cliem zeijed li kegheda tgheid !

*Teo.* (*Jimsah xufteih bix-xugaman*)
Pacich isma x'ingheidlech jena :—
Inhossoch kighed iggibli hniena.
Jena naf li ilech imkaijem ;

Sa delhin inkiesech saijem.
Ghall-daks-tant mela jen stess
Mn'issa stess natich permess—
Ixrob malair dach il cafè,
Jen nittenniech phal santu re...

*Pac.* Sur manifiu, sur nutar, *(Jiftah ideih)*
Inti ragel iva mil ahiar
Inti lili kighed tobbligani,
Tissuggetta ruhech leja iz-zeijed;
Tasseu l'jena ghall katra cafien,
Kighed inhosni ghaligha meijet!

*Teo.* Mur Pacich, hù il cafè.

*(Pacich jakbad lis-staniata)*

Sur nutar manificat... Ghandichx piacir tghamillech l'operazioni tas-sapuniera bil pinzell, us-sapun tas-sapuniera, tcompli tissapnalech uiccech marti Zolinzoll, biex ma tissuggettax ruhech leija; tokghod tittennieni, sa chemm nixrob dina il katra tal cafè?

*Teo.* Bil piacir collu!... Jech ghanda piacir leuel nett!

*Zol.* Bil piacir collu sur nutar...
Inhoccoch hacca uiccech chif imiss.

*(Tnehhi in-nofs ghonnella).*

*Pac.* Sur nutar...
Jech joghgiboch tihu il cafè mighei?
Dana sairitu il mara tighei!

Cafè tixhetlu, cucciarina zgheira;
Il cumplament, collu ciqueira!

*Teo.* Grazzi... Grazzi... Ixorbu bil kalb!

*Pac.* Zoll... Ha din is-sapuniera,
Issapnalu uicciu chif imiss;
Mita tara ir-raghaua takta,
Bil pinzell arfa is-sapun spiss!

*(Jatigha is-sapuniera)*

*Zol.* Gib hau... *(Tihu sapuniera)*

*Pac.* Mela Zoll, jen diehel geuua;
Kies li tissapnalu uicciu seuua!...

*(Imur geuua min-naha tal-lemenia)*

*Zol.* Dan ix-xoghol ghalija gdid...

*(Thauat is-sapun)*

Deijem nafni bit-tahbit...

*Teo.* Geit hau ghal-lehia leuel darba,
Inti bdeidli b'din il carba...
Ibda Zoll issapnali uicci;
Dan xoghol, mumiex capricci!

*Zol.* Bil pinzell, jeu b'idi trid?

*Teo.* Ahiar thocli b'idech ftit!

*Zol.* Idi radba, idi nadifa...

*(Tarfa is-sapun b'ida, u thoclu uicciu)*

*Teo.* Brava Zoll, chemm int hafifa!

*Zol.* Thobb ticciajta sur nutar?

*Teo.* Il bniedem jicciajta, mux ahiar?

*Zol.* Mux phal zeugi sur nutar,
Bil ghdidem, bil-leil, u binahar.
Maniflahx izied nissaportieh;
Listess donnu ragel xieh!
*Teo.* Jiddispiacini Zoll ghalich,
Jena xtakt li nista impaxxich.
Mara phalech ghadech zgheira,
Cull min jarach iggiblu gheira,
Imissech tgheix keghda cuntenta!
Int jixraklech, signur tar-renta...
Dana il cliem, hùa cliem sod;
Hau nithattu ftit bil mod......
*(Ihares jara ux gei Pacich)*
Cun af Zoll illum chif raitech,
Cun af jena icconsidraitech,
Harist leich, int harist leija;
D'auch ghaineich dahlu f'ghaineija
Hasseit f'kalbi certa tferfira,
Hasseit ghalich, gibta tant cbira!
Zoll nitolboch, li ticcumpatini,
Jech jen kighed navanza f'xi discors,
Inti illum thaltli, giò kalbi,
Nitchellem mieghech ech bil fors!
*Zol.* Inti mizzeug, sur nutar!...
Il hatt ma ghandech inti id-dar?...
*Teo.* Jena illum ragel b'la mara;
Nibchi iz-zmien deijem ta uara.

Illum jena, m'jena xei;
Ili armel ma duar sentei.
Chelli mara, cont inhobba;
Chienet mititli, uakghet cobba.
Marti mietet, ma tantc cbira
Tifla taiba, tifla fkira.
Izda mighei sabet xorti,
Ghallimta id-dokk sal pianuforti!
*Zol.* Mela mux phali sur nutar;
Deijem nahdem bil-leil, binahar.
*Teo.* Marti mietet, pkait minghaira,
Chienet tixphech, phalech smaira!
Chienct thobni, tgheir ghalija;
U tridui id-dar mil-Avemaria!
*Teo.* Basta Zoll, naktghou dan il cliem;
U incomplu il-lehia il kuddiem...
Insaksich hagia ja Zolinzoll: —
Il-lehia taf tkaxxara ucoll?...
*Zol.* Il-lehia mijex affari tighei!...
*Teo.* Mela ma iddumx titchellem mighei?
*(Tiffaccia ras Pac. mil bieb tal gemb, mnein dahah, jissamma)*
*Zol.* Sinjur ticciajta!
*Teo.* Dana mux ciajt!
*Zol.* Xi nhù mela?
*Teo.* Imissech indunait!
*Zol.* Biex tridni ninduna?

*Teo.* Li xtaktech marti.
*Zol.* Hallich min dana,
Katta dau il carti !...
*Teo.* Jena nahliflech ;
Ghall darba, tnei ;
Narrach tormol !
Min hau, u jumei !
*(Pac. jirrabia)*
*Zol.* Imbaghad billi normol ? *(Tithak)*
Icun deni ghalija.
*Teo.* Nizzeugech jena,
Tcun fid-dgaudia !
*Zol.* Ghax ma chieux jahasra,
Icolli dix-xorti !
Icolli zeugi
Nutar tal Korti !...

## IV. SCENA

PACICH *jigi b'rabia cbira mitluf mis-sindimenti.*

*Pac.* Bricuni... Banavogli...
Collox smaitcom xi thatdittu !
Inti Zolinzoll mara fraxchetta ;
Inti tait uicc l'in-nutar...
U int sur manificu tax-xiafech ; illum geit giò hanuti sabiex ticsirli ghonki... Ghax scont ma smait, u rait l'int briccun.

*Teo.* *(Ikum imbazza, Zoll. tuarrab fil gemb imbezgha, u terhi mn'ideigha is-sapuniera)*

Gharaf irrispettani Pacich!... Jena deijem çont ragel onest!

*Zol.* Tasseu... Gharaf irrispettah zmagat l'int.

*Pac.* *(Mitluf ghall collox)* Zmagàt min fuk è... Mela hei, huda la trida... Ghax daluakt naghmlech ghasida!

*(Jatigha dakka fuk uiccia)*

*Zol.* *(Tibchi, u tghaijat)* Ajma uicci, x'dakka tani... Ragel hazin, ragel infami, ta cull darba tarfa ideich ghalija!

*Teo.* Dana ghax sauatta Pacich?... Ruh b'la cunscenzia l'int...

*Pac.* Dalnakt nuricom x'jen, ja manificu tal frieghen; daluakt naktaghalech rasech b'mus tal-lehia!

*Teo.* Inti taktaghali rasi bil mus? *(Bl'aria)*

*Pac.* *(Risolut)* Iva jen... U mita naktaghalec rasech, natigha daktei ta siek.

*(Jati dakka p'sieku fl'art)*

*Zol.* Kalbech iggib tibzax!

*Teo.* Billi kal:—li jaklghali rasi x'tilef?... Ma tilef xei!

*Pac.* Xei la tokghod tgheid uisk, taf sur nutar taxxiafech; ghax jena phal dan il mument barra mis-sindimenti tighei, u ta digna colla.

Idi digià kegheda ticonni biex nakbad mus, u naktghelcom rascom bieh, ja zeug banavogli l'intom! *(Ixammar diughaih)*

*Zol.* Banavoglia int, ragel hazin l'int, hsibt hazin fuk martech!

*Teo.* Mela x'nhù!... Haseb hazin fuki ucoll!

*Pac.* *(Bir-rabia imur b'giria jakbad mus tal-lehia)*

*Teo. u Zol.* *(Ighaitu)* Ajut... Ajut... Polizia...

*(Jigru max-xena)*

*Pac.* *(Jigri uraighom)* Rascom barra irrin jen.

*Teo. u Zol.* Polizia, nies ajut...

*(Teo u Zol. johorgiu jigru mil bieb tan-nofs)*

*Pac.* *(Mil bieb tan-nofs)* U jena inkeghetcom, actar milli ghandcom hsieb... Ara dalghodu fiex chelli insib ruhi jen... *(Jidhol)*

Taiba din ucoll!... Seuua ghett mument ilu:—ìlli illum il giurnata bdietli bil ghauc! U bil ghauc tcompli tispiccia sigur... Min jaf dich ix-xifaich ta marti Zolinzoll issa fein marret tigri?... Telket hì!.. Marret... issa jen sabieh... Jen ma dan collu ghandi tort, ghax lil marti ma chienx imisni ingiaghala tissapnalu uicciu lis-sur manificu tal frighen!... Issa x'naghamel? Pkait b'la mara... Cul ragel, issa issib min isajarlech... Hu piacir Pacich, issa icolloch min jahsillech... Hù gost Pacich, issa ghandech min jifrixlech.... Issa issib min isinlech l'immuies ucoll... Svinturat iva jen... Svinturat iva min deijem...

*(Pac. jibchi jinxehet bilkegheda fuk is-siggiu tal brazzi, idu fuk uicciu jahseb, uara temp ta minuta ikum jiddiclama din id-diclamazioni)*

Imseichen jena—Illum xi grali,
Haunx xi ragel—Ihor phali?
Komt, baccart—Hrixt mid-dar chmieni,
Mort il chnisia—U smait tat-tieni.
Cont spicciajt jena—Mid-devozioni,
Giè f'hanuti—Certu tentazioni
Chien tentazioni—Min dauch il cbar,
Dan it-tentazioni—Chien infami nutar.
Eh! nutar vili—X'uahda ghamiltli!
Lil mara tighei—Inti gennintli.
Int cont il htija—Tal firda tghana
Mishut it-temp—Lil-lum lakghana...
Nutar, manificu—Nutar tax-xiafech,
Imgharrak l'inti—Katt ma cont nafech
Geit giò hanuti—Jena tant stmaitech,
Uara dan collu—Min geuua smaitech:—
Smaitech tithatted—Mal mara tighei,
Certu discors—Li tani tant ktighei.
Il mishuta mara—Mighech compliet:—
Certu discors—Li mahallinix quiet.
Eh! nutar, nutar—Nutar tal mnighel,
Bil mara tighei—Bdeit int izzighel.
Il mishuta marti—Issecondatech;
Scont ma finita—L'ia amate...

Chemm seijer nibchi—Chemm seijer inghaijat,
F'dan il mument jena—Ninsab confus;
Ma chellix xorti—Lin-nutar nakbad,
Ghax cont naktghalu—Rasu bil mus.
Ma kbattux jena—Telak, mar scappa,
Mar telak jigri—Hau halla il cappa...
*(Juri lei il cappa)*
X'nibda naghamel?—Imseichen jena
Inhoss rasi iddur—Donna raddiena!...
Ajma! Kalbi—Feinech Zolli?
Jen ghalich—Inhosni imgholli...
Eja Zolli—naghmlu paci,
Fittex eja—O Zolinzoll;
X'nibda naghmel?—Jen min ghairech?
Jena tort ghandi—Iva ucoll.
Jena arrait—Tait bil harta,
Arrait iva—B'ech naffarta!
Zolli eja—Zolli, *(Imbicchi)*
Ghaliex id-dmnh—Uasal f'ghaineija.
Cull ma giara—Cull ma sar:—
Collox gieb—Is-sur nutar!
Jena arrait—Taita bil harta
Arrait iva—B'ech naffarta...
*(Jinxehet fuk is-siggiu tal brazzi, idu fuk uicciu għal fuk ġemb tas-siggiu. Uara ftit jithol Lippu, piuntun tal pulizia, chif jithol, tibda ix-xita).*

## V. SCENA

Lippu *liebes capott tal pulizia jithol bl'aria.*

*Lip.* Pacich, kum min emm, u eja mighei sa il ghassa.

*Pac.* *(Jihu katgha)* Ajma! x'katgha taitni!... Ara chif tithol darb'ohra fuk in-nies tafx! .. Ghax ktaitni katgha ghal-lahhar.

*Lip.* Inktait, u ma iaktaic, ma jimpurtanix. Emm bzonn li tigi sal il ghassa.

*Pac.* *(Ikum)* Nigi mighech sal ghassa!... U dan ghall fein tridni nigi mighech sa il ghassa?

*Lip.* Ghall fein emm bzon.

*Pac.* Xi bzon emm? Jakau biex inkaxxar xi lehia ta xi calzrat?

*Lip.* Ej, imxi mighei il ghassa, u spicciani.

*Pac.* *(Fiaccus)* Il ghassa!... X'ghassa hi?

*Lip.* Inti seijer izzomni hau bid-discors?... Jeu hsibt li tghaddi iz-zmien bija!

*Pac.* Hallich milli inghaddi iz-zmien bich! Ragel phalech tas-serviz, inghaddi iz-zmien bich!

*Lip.* Scont ma narach, ech donnoch, trid tghaddini biz-zmien!

*Pac.* Jidirlech int!... Jena katt ma ghaddeit iz-zmien p'hatt! Jena deijem cont ragel onest, u galantom.

*Lip.* *(Bir-rabia)* Ej spicciani, imxi mighei il corp tal ghassa.

*Pac.* Gheidli ghall fei, u allura nigi.

*Lip.* Ghettlech imxi, ghax lis-spettur baghatni ghalich mil actar fis.

*Pac.* Marric nigi, u spicciajna.

*Lip.* Tigi bil fors.

*Pac.* Katt temmen li nigi bil fors!

*Lip.* *(Jakbad lil Pacich)* Fittex spicciani, imxi il ghassa.

*Pac.* Ara ja mischin, tmisni b'idech, ghax ma nibkax Pacich!

*Lip.* Tigi bil fors ta ruhech.

*Pac.* *(Bir-rabia)* Ghettlech, erhini ghax jibdielech.

*Lip.* Ma nerhichx xei, tigi bil fors.

*Pac.* Aria ghandech, u discors!

*Lip.* Nehelsùa, ghax issa xabbaitni... Alò... Arana seirin...

*(Jakbab lil Pac. min dgharu, jimbuttah ghall barra it-triek.*

*Pac. idur ghall fuk Lip. b'aria cbira, jibda jatieh bil ponnijet, u bid-dakkiet tar-rigel, Lip. jigri max-xena, Pac. jigri uraih, Lip. jiscappa, imur jigri).*

*Pac.* Huda imgharrak il penzioni li ilech titlob... Ritt tohodni bil fors?... L'ankas jech jigiu in-

nies tal corp tal ghassa colla chemm hùma ma jehduni bil fors!... Ma dan collu; lili xi iriduni il ghassa?... Min jaf marx jirrapportani dach il macach tas-sur manificu!... Ghandu mnei!... Illum iva tasseu, li il giurnata bdietli bil ghauc, u bitghauic, u bitghauic tcompli tispicciali illum sigur! Bil maltemp bdietli il giurnata, u p'xi tempesta kauuia sigur tispicciali illum il giurnata tal hatt, scont ma kighed nara.

## VI. SCENA

BENNARD *jigi irrabiat*

*Ben.* Offi ghalich, sur cugnatu... Illum rait chemm cont iggibila rispett lil binti; ghax ritt taktghela rasa bil mus.

*Pac.* (*Jippassiggia ideih uara*) Bravu ghalich, issa sibtni l'ahiar hin biex nista incompli mighech ucoll!...

*Ben.* Ragel hazin l'int, chellech il hila tarfa ideich fuk binti!

*Pac.* Ech icun emm bzon narfa ideija fukech ucoll, ja buffun l'int, u dich il hadba ta bintech!

*Ben.* Lili la tgheidlix ragel buffun, ja ragel infami l'int.

*Pac.* Issa kighed tarani ragel infami?... Mita cont bghatt lis-sacristan tal chnisia tar-rahal taghana-

ghandi bir-risposta l' int ghandech piacir liz, zeugni lil bintech, dach iz-zmien ma contc tarani infami? Illum raitni infami?...

*Ben.* Mela jena katt ritt inzeugech lil binti?... Int ritta bil fors.

*Pac.* Pù ghalich... Ktait xi sandar billi hatt lil bintech!...

*Ben.* L'ankas katghet sandar binti bich... Lil binti chella min irida ahiar minnech.

*Pac.* Mela xi n'hù!... Chien rieda id-deffien tar-rahal.

*Ben.* (*Bir-rabia*) Ja moch l'int; lil binti signur tarrenta chien rieda!

*Pac.* Moch int. u chemm ghandech!

*Ben.* X'ghandi?... Gheidli x'ghandi!

(*Ixammar dirghaih*)

*Pac.* Fein naf x'ghandech!

(*Jinza il berritta jixheta fl'art*)

*Ben.* Hau issa kighed toffendini cugnat... Issa irridech tgheidli:—chemm ghandi, u x'ghandi.

*Pac.* Hakk is-salvagia, illum int geit hau sa biex tcomplili il giurnata? Jeu tridni nispicciagha hazin!... Mur, hallini ahiar, ghax jen nervus, daluakt naghamel f'salt uihed muschetteria acbar min ta gighgifogu ta San Filep.

*Ben.* Ghamel dach li trid; jena ma nibzax mil muschetteria li trid tghamel int, u l'ankas ma

nibza li taktaghali rasi bil mus, chif ritt takta ras binti, u ras binti, u ras in-nutar.

*Pac.* Cugnat, ghamilli piacir mur, u hallini bi quieti, ahiar ghalich!

*Ben.* (*Jati dakka ta ponn mal hait*)
Lè... Ma immurx min hau geu kabel ma nihu suddisfazion ta dakka ta harta fuk uicc binti...

*Pac.* (*Imur ideih ma uicciu*) Inti trid sudisfazion minni voldiri?

*Ben.* (*Ideih ma uicc Pac.*) Inkaxrech irrid jen.

*Pac.* (*Jakbadlu f'ghonku*) X'ghett tghamel? Trid tkaxxarni int?

*Ben.* Erhili grizmeija (*Il maltemp jitkaua ftit, ftit il berak, raghad xita jitkaua*)

*Pac.* Meijet tohrog min taht ideija.

*Ben.* Ghettlech erhini, l'iblah ghax inferich.

*Pac.* Mela huda biex tferini (*Jati dakka lil Ben. Ben jaka fl'art, Pac. jatih bil ponnijet*)

*Ben.* Ajma uicci.

*Pac.* Kaxxarni issa!

*Ben.* Ajma imnihri seijer toktonni!

*Pac.* Notloch irrid jena.

*Ben.* Iva ahfirli, icolloch hniena minni.
(*Ben. jibchi, u ighaijat*)

*Pac.* Noktloch, noktloch jena irrid.

*Ben.* Ajma! Nies ajut...

## VII. SCENA

TEODOSIU, ZOLINZOLL *bi diula fuk rasa,*
LIPPU *u* GREZIU *jigiu incurlati*

*Grez.* Oj ! Aü x'kighed isir *(Pac u Benjibkghou jatu)*

*Lip.* Leuel sauat lili, u issa kighed isauat lil dan.

*Zol.* Iva ficciu ferkughom, ghax ta taht kighed jakla gmielu !

*Grez.* }
*Lip.* } *(Jersku iferkughom)* Ej bizzeijet, ghotcom sirtu zalzett.

*Teo.* Mahmugia geija il biccia !

*Grez.* Ghettilcom bizzeijed, kum min fuku ja Pacich. *(Ighaijat)* Ajma, ajma, ajma, jahasra katinni !

*Zol.* *(Tmur tigri thares lei uicc Ben.)* Dan mux lehen missieri ?

*Grez.* Bizzeijet ghettilcom.

*Lip.* Erhih Pacich.

*Zol.* *(Tghaijat, u tibchi, tcun pronta Zol. tinxehet fuk Pac. tibda tatieh bil ponuijet, u dghidmu. Ben. min taht, mal mument tghamel berka, mal berka tfakka saijetta. Ix-xita, il berak, u ir-raghad deijem jintghamel).*

*Teo.* *(Jakbad siek Pac. jigbdu)* Erhih !

*Zol.* Ghoddoch ktiltu lil missieri, mela halli nati lilech.

*Pac.* Ajma dghari scomunicata.

*(Ighamel berka, mal berka sajetta ohra)*

*Grez.* Uehidna ma naghamlu xei, ser isir il ktil sigur!

*(Grez. imur fil bieb tan-nofs, isaffar suffara, ma listess hin jigiu)*

LAHHAR SCENA

CALANC, SIDOR, *jigiu jigiu jigru lipsin il capott*

*Cal.* Ahna hau.

*Sid.* Pronti deijem.

*Grez.* Atuna il ghainuna, ghax ser isir il ktil.

*(Jirsku ifierku Cal. u Sidor, jakbdu lil Pac. jigbduh min fuk Ben. u izommu lil Pac. f'nofsom. Cullhatt ikum.)*

*Cal. u Sid.* Kum min emm, ja ruh il fula! *(lil Pac.)*

*Ben.* *(Jibchi)* Sauatni... Raituh, ux?

*Grez.* Halluh f'ideija lil Pacich... Ahna nafu cull ma sar.

*Zol.* Ragel hazin l'int... Ma chienx bizzejed li sauat lili? sauat lil missieri issa ucoll!...

*Lip.* U kabel sauat lili ucoll!

*Teo.* Lili ried jaktghali rasi bil mus.

*Pac.* Iva oktluni mil-leuel!

*Grez.* Dach li hakkech, mita jasal il mument allura tihdu.

*Zol.* Iva, surgent ixtu ghomru il habs ta cordin!

*Grez.* (*Bir-rabia*) Bizzeijet... Cliem má jitchellem hatt dan il mument; cullhatt jigi corp tal ghassa... U dan il galantom ta Pacich, igibuh arrestat bein zeug piantuni.

(*Il màltemp jiscot, fil bgheid, berka. Pac. bein zeug piantuni. Cal. u Lip.*)

*Pac.* Mela jena srakt?... Inchella ktilt!... Biex jehduni bein zeug piantuni!

*Cullhatt*—Ftit chien jonkos, biex isir il ktil!...

*Pac.* Oktluni iva, jeu ibilghouni,
Cullhatt hau imdauar mighei;
Sa ir-raghaghad, ix-xita, u il berak,
Illum daru contra tighei!...
Ir-rieh compla ghalija irvella,
Iva ingheid kuddiem cullhatt;
Ir-rieh uakghali sat-tabella,
Tempesta phal tal-lum, ghad ma rait katt.

Far mil cbar kabes fuk rasi,
Ix-xitan hadli il barmil giò il bìr;
Il mus uakghali x'faru inchissru
Biex Pacich, jehu piacir. (*Jibchi*)
Illum cullhatt hada contra tighei,
La is-sur nutar, us-sur cognatu;
Tlet piantuni, surgent mahhom,
Zolli mahhom, lili jatu...

X'ghandi naghamel?... Illum ech gietni,
Icolli immur bein zeug piantuni;
Jech ingheid:—marric immur mahhom,
Daun sigur bil fors jehduni!
Jehduni mahhom, p'kella cbira;
It-tempesta, ta Pacich, u bonosira!!!

TMIEM.